MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 293/2008

**Salvino Debono (ID 474235M)**

**Vs**

**Frankie Schembri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin Ewro u tnax–il centezmu (€6,988.12) dovuti mill-konvenut rappresentanti l-prezz ta' parts mibjugha u konsenjati lill-konvenut fuq ordni tal-attur stess.

Bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjes inklusi dak tal-ittra legali tat-31 ta' Lulju 2008 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 10 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Preliminarjament illi l-eccipjenti f'ismu propju ma kkuntratta bl-ebda mod mal-konvenut u ghaldaqstant ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti la f'ismu proprju u lanqas f'xi kwalita' ohra qatt xtara xi parts minghand l-attur kif qed jigi allegat u ghaldaqstant ma ghandu jaghti xejn lill-attur kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghal din ir-raguni wkoll it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.
3. Salv kull eccezzjoni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza b'mod specjali dak verbalizzat waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008 (fol 13 ibid).

Semghet it-trattazzjoni fil-qasir da parti tal-abili difensur tal-attur (fol 45 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attur (fol 22 u fol 41 et seq ibid) spjega illi l-konvenut kien akkwista 'parts' minghandu izda ta' dawn kien hallas il-prezz kollu. Fl-istess okkazzjoni, il-konvenut kien ra 'spare parts' ohra fil-mahzen tal-attur, u peress li '… jinteressawh, (h)u qalli 'bieghomli kollha kemm huma'. Inoltre kien gie miftiehem il-prezz ossija Lm3000. Hawnhekk il-konvenut informa lill-attur li kien ser jibghat nies ohra sabiex jigborhom. Difatti xi gimgha wara l-konvenut qallu li kien ser jibghat lavrant, ghal dan l-iskop. Filfatt hekk gara billi l-istess 'parts' ordnati izda mhux imhallsa, ittiehdu permezz ta' zewg vjaggi. A fol 25 u fol 26 ibid jinsab elenku ta' parts' 'mixtrija u konsenjati lil dawn il-lavranti u ffirmat mill-lavrant, mibghut mill-konvenut cjoe Brian Formosa. Wara din il-konsenja kien ikkomunika mal-konvenut sabiex dan jhallas il-prezz izda dan kien qallu '… mbaghad nirrangaw'. Meta ghaddew tlett xhur, hu kien mar ghand il-konvenut li staq jkellimu. Hawnhekk, minflok sar il-hlas, il-konvenut informa lill-attur illi '… il-parts' li kien xtara ma kellux bzonnhom' u '…

sabiex nohodhom lura'. Pero din il-proposta ma gietx accettata minnu u sallum l-istess oggetti kienu ghadhom f'idejn il-konvenut. L-attur sostna li l-konvenut qatt ma kien semmielu li kien qed jagixxi f'isem persuna jew persuni ohrajn. In kontro ezami l-attur eskluda li hu w il-konvenut kienu ftehmu illi l-lavrant tal-konvenut kellu jigbor l-istess 'parts' sabiex dejjem il-konvenut jarahom u '…. Jara x'jghodd ghalih' u ghalhekk jsir ftehim fuq il-prezz. Inoltre l-istess 'parts' kienu fuq xkaffar u mhux '… b'mod konfuz ossija tgegwigija. L-istess 'parts' kienu jintuzaw f'makkinarju bhal gaffef, 'crushers' u kompressuri'…. Kienu antiki u filfatt illum difficli biex issibhom' izda xorta wahda setghu jigu uzati skond il-makkinarju li jintuza fix-xoghol f'barrieri.

Illi l-imsemmi <u>Brian (ossija Bryan) Formosa</u> (fol 27 ibid) xehed illi hu kien impjegat mal-konvenut, li l-firma fuq l-elenku hawn fuq imsemmi kienet tieghu u maghmula minnu u li hu kien gabar l-oggetti hemm elenkati fuq inkarigu moghti lilu mill-konvenut. L-istess oggetti kien poggiehom f''garage' appartenenti lill-konvenut ' u ghadhom maqfulin go fih'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 36 et seq ibid) beda billi qal illi hu kien xtara barriera minghand in-neputijiet tal-attur izda kien ghamel dan l-akkwist f'isem kumpanija bl-isem ta' 'Hal Far Quarries Ltd'. Hu jsostni li kien minnu li xtara l-istess 'parts' u ftehim fuq il-prezz izda '… ma kontx rajthom'. Hu kien baghat haddiema sabiex jghabbuhom izda meta waslu fil-barriera ma kienx rahom. Hawnhekk kien ikkomunika mieghu l-'mechanic' tieghu li nformah li l-'parts' kienu antiki hafna. Hawnhekk hu kkomunika mal-attur u qallu li l-istess oggetti kien ser jirritorahom izda l-attur ma kienx accetta. Il-konvenut kien wiegeb illi '… kif sar antik il-flus ghalxejn peress li ma stajtx nuza dawn il-'parts' '.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-konvenut, kif premess eccepixxa illi hu '.. .f'ismu proprio ma kkuntratta bl-ebda mod mal-konvenut (ovvjament attur) u li ' la f'ismu proprju u lanqas f'xi kwalita ohra, la xtara xi 'parts' minghand l-attur'.

Illi, hawnhekk u dwar dak eccepit, mill-provi prodotti bl-ebda mod ma gie pruvat illi l-konvenut kien qed jagixxi f'ismu xi persuna ohra legali jew naturali. Filfatt irrizulta b'mod car illi l-konvenut kien qed jagixxi f' ismu proprju.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza seghet waqfet hawnhekk izda mix-xhieda tieghu jidher li l-konvenut mar oltre l-eccezzjonijiet sottomessi minnu. Filfatt fix-xhieda tieghu hu jallega illi wara li gew konsenjati, hu gie informat illi l-istess 'parts' ma kienux tajbin ghall-uzu peress li kienu pjuttost antiki.

Dwar dan il-punt il-Qorti tirrileva illi:

a) Jekk il-konvenut jitwemmen meta sostna dan, jkun agixxa 'mod legger u traskurat meta kien qed jinnogozja x-xiri tal-istess 'parts'.

b) L-artikolu 1347 tal-kodici Civili jaghmilha cara li kuntratt u ftehim ta' bejgh/xiri hu kompletat meta l-partijiet involuti jiftehmu fuq il-haga u l-prezz relattiv. Dwar dan, mill-provi jirrizulta illi tali ftehim gie milhuq bejn l-attur u l-konvenut minghajr ma giet miftehma xi kondizzjoni (ara ukoll l-artikolu 1349 u 1350 tal-istess Kodici dwar, 'sale in bulk' u li hu applikazzjoni f'dan il-kaz'.

c) In rigward l-istess oggett, irrisulta ukoll li huma gew konsenjati lill-kovenut li kien hu stess li baghat lavrant tieghu cjoe Bryan ossija Brian Formosa sabiex jigborhom u jzommhom fil-post fejn sallum qed jinzammu. La darba saret din il-konsenja fuq inkarigu tal-konvenut, il-Qorti ssibha difficli li temmen lill-konvenut illi hu ma kienx rahom qabel ma xtrahom u kien rahom biss wara li gew konsenjati. Ghalhekk il-Qorti ma hiex qed temmen lill-konvenut meta xehed f'dan is-sens u l-versjoni li ta' taht gurament, qed tigi skartata.

d) Ta' min jirrileva, ukoll, u ghal kull bon fini illi kif gie konkluz, il-ftehim l-oggetti, a bazi tal-principju ta' 'caveat

emptor' gew a riskju tal-kompratur, il-konvenut. Inoltre l-istess konvenut ma hax il-passi sabiex jissalvagwardja d-drittijiet tieghu billi, bhala minimu, jiddeposita l-istess oggetti taht l-Awtorita' tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, it-talba attrici qed tigi milqugha waqt li qed jigu michudin l-eccezzonijiet sottomessi. In rigward l-imghax jidher a fol 25 ibid illi l-konsenja tal-istess oggetti saret fit-23 ta' Gunju 2008 u ghalhekk trattasi ta' kaz kummercjali, l-imghax ghandu jiddekorri minn din id-data.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' €6,988.12 ossija Lm3000 bl-imghax legali dekorribbli mit-23 ta' Gunju 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Lulju 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------